MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DOREEN CLARKE

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Numru. 147/2007

Il- Pulzija
(Spettur Ramon Mercieca)

-vs-

Aldo Agius

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Aldo Agius ta' 38 sena bin Joseph u Miriam nee' Zammit, imwieled Pieta' nhar is- 17 ta' Lulju 1968 u joqghod No. 127, Main Street, Zurrieq, jew 'Goldfinch', Triq is- Sikka, Bahar ic- Caghaq, detentur tal- karta tal- identita' numru 283668M.

Talli nhar it- 2 ta' Frar 2007, waqt li kien gewwa r-residenza fond, Nru 3, 'Sailor Cottage', Triq il- Kappella Tax- Xaghra, San Pawl Tat- Targa, limiti tan- Naxxar,

minghajr il- hsieb li joqtol jew iqieghed il- hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna hsara fil- gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fil- gisem jew fis-sahha ta' Victor Sammut minn San Pawl tat- Targa, limiti tan- Naxxar, liema hsara tista' ggib debbulizza permanenti fis- sahha jew fil- funzjoni ta' xi parti tal- gisem jew difett permanenti f' parti ta' l- ghamla tal- gisem jew inkella marda permanenti tal- mohh, u dan permezz ta' xi arma, strument jew ghodda ohra, regolari jew irregolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez u dan skond ma ccertifika Dr. Roberto Debono MD mill- Isptar San Luqa.

Il- Qorti giet mitluba biex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Victor Sammut u tapplika l- provediment ta' Art 383, 384 u 385 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat in- nota ta' l-Avukat Generali u l-kunsens ta'l-imputat.

Rat x-xhieda u d-dokumenti prezentati.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 64, 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat hija dik ta' offiza gravi fuq fil-persuna ta' Victor Sammut u dan permezz ta' strument jew oggett li jaqta.

Illi f'l-udjenza tas-26 ta' Marzu 2007 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hija tal-fehma li l-aktar fattur importanti huwa l-agir tal-parte civile fil-konfront ta' l-

imputat. Kien dan l-agir li wassal ghal reazzjoni da parti ta' l-imputat; din ir-reazzjoni (daqqa ta' flixkun tal-hgieg) wasslet biex safa midrub l-parte civile. L-istess parte civile fil-fatt, konxju ta'l-agir provokatorju tieghu, ma xtaqx li jittiehdu passi fil-konfront ta'l-imputat u anke ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens lill-pulizija. Il-pulizija ma setghetx tistrih fuq din id-dikjarazzjoni imma kellha tipprocedi ex officio ai termini tal-Ligi.
Illi pero l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' l-incident, ir-reazzjoni ta' l-imputat ghalkemm spontanja kienet x'aktarx sproporzjonata u possibilment l-imputat seta' waqqaf l-avvanzi tal-parte civile b'mod iehor.

Illi fatturi ohra li l-Qorti thoss li ghandhom relevanza huma l-ammissjoni ta' l-imputat li kkopera mal-Pulizija u l-fedina penali tieghu.

Illi mill-fedina penali jidher li kien hemm perjodu ta' xi sentejn (kwazi ghaxar snin ilu) meta l-imputat ikkommetta xi reati pero mill-istess fedina penali jidher ukoll li l-imputat kien qed jirriforma ruhu tul dawn l-ghaxar snin.

Illi tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha piena karcerarja mhix indikata.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 64, 214, 216, 230 u 231 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-llum. Il-Qorti spejgat lill-imputat bil-konsgwenzi skond il-Ligi jekk jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta' sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------